**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Axisa

## Raġunijiet speċjali u straordinarji

*L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali hu ċar u għandu jiġi rrispettat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza mill-qrati fil-għoti tas-sentenzi tagħhom. Il-fatt li wieħed ikollu fedina penali nadifa ma jammontax la għal raġuni speċjali u lanqas għal raġuni straordinarja (u l-liġi tesiġi li jkun hemm "raġunijiet" fil-plural, li jkunu kemm speċjali kif ukoll straordinarji).*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Francis Axisa talli fit-28 ta' Jannar, 1997 għall-ħabta ta' l-10.46 a.m. bħala bejjiegħ tal-ħaxix b'van numru C-3953 fi Triq il-Bieb, il-Fgura naqas li jkollu tikketta li turi l-prezz fuq it-tuffieħ, mandolina, qarabagħli, kaboċċi, lumi, lariġ, tadam, qara ħamra, banana, lanġas, pastard, basal, tewm u qaqoċċ li kellu esebit għall-bejgħ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Marzu, 1997 *li biha dik il-Qorti* sabet *lill-imsemmi Francis* Axisa ħati; dik is-sentenza tkompli taqra hekk: "Rat l-artikoli (*recte*: regolamenti) 17 u 26 (3) tal-G.N. 360 ta' l-1952; rat il-fedina penali netta u l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ammonizzjoni u riprensjoni (*recte*: ċanfira u twiddiba);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fl-1 ta' April, 1997 li bih talab ir-riforma tas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti ma kinitx, fix-xorta jew fil-kobor taghha, dik stabilita *mil-liġi (artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kap. 9)*. L-appellant jikkontendi li apparti li biex il-Qorti tinżel taht il-minimu stabbilit bil-liġi kellha, skond l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, issemmi "bir-reqqa kollha fis-sentenza" ir-raġunijiet *speċjali u straordinarji ghal tali nżul*, ma kien hemm ebda raġunijiet speċjali u straordinarji fis-sens ta' l-imsemmija disposizzjoni. L-appellant ghandu raġun, ghall-anqas in parti. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-artikolu 21 tal-Kap. 9 hu ċar u ghandu jiġi rrispettat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza mill-qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Il-fatt li wiehed ikollu fedina penali nadifa ma jammontax la ghal raġuni speċjali u lanqas ghal raġuni straordinarja (u l-liġi tesiġi li jkun hemm "raġunijiet", fil-plural, li jkunu kemm speċjali kif ukoll straordinarji). L-unika "raġuni" ohra li l-Ewwel Qorti tat hi li "hu (ċjoe' Axisa) kien ghadu kif wasal *fuq il-post*" minghajr ma spjegat xejn aktar. F'dan *il-każ* l-Ewwel Qorti ma osservat la l-forma u lanqas is-sustanza tad-disposizzjoni in kwistjoni. In-nuqqas ta' osservanza tal-forma f'dan il-każ tammonta ghall-inosservanza ta' formalita' sostanzjali, u ghalhekk, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata u ser tiddeċidi mill-ġdid il-kawża fuq il-meritu;

Mill-provi prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata. Mill-banda l-ohra l-Qorti hi sodisfatta ukoll li f'dan il-każ kien hemm biss *a technical violation*, fis-sens li l-appellat kien ghadu kif arma l-oġġetti u kien ser jibda jwahhal il-prezzijiet, iżda f'daqqa wahda waslu xi nies u bdew jixtru, apparti li waslu ukoll l-ispetturi tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Kollox jidher li ġara malajr

ħafna. Kieku kien aktar attent l-appellat u martu li kienet qed tgħinu ma kinux jinqabdu fuq sieq waħda. Il-Qorti hi sodisfatta li l-appellat kien bi ħsiebu eventwalment iwaħħal il-prezzijiet. Dawn iċ-ċirkostanzi fihom innifishom jammontaw għal raġunijiet speċjali u *straordinarji u għalhekk din il-Qorti sejra* tapplika l-multa prevista fir-regolament 26 tar-Regolamenti ta' l-1952 dwar il-Bejgħ tal-Prodotti tal-Biedja iżda b'inżul taħt il-minimu;

Għall-motivi premessi din il-Qorti ssib lill-appellat ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u, wara li rat ir-regolamenti 17 u 26 *tar-Regolamenti ta' l-1952 dwar il-Bejgħ* tal-Prodotti tal-Biedja (Notifikazzjoni tal-Gvern 360/1952) tikkundannah multa ta' għaxar liri (Lm10) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'jumejn priġunerija.